KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SZPUNAR
ippreżentati fit-12 ta' April 2018 [1]

Kawża C-335/17

Neli Valcheva
vs
Georgios Babanarakis

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Varhoven kasatsionen sad (il-Qorti Suprema ta' Kassazzjoni, il-Bulgarija)]

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili – Regolament (KE) Nru 2201/2003 – Kamp ta' applikazzjoni – Kunċett ta' 'dritt ta' aċċess' – Applikabbiltà għan-nanniet"

I. Introduzzjoni

1. Hemm nanna li tixtieq teżerċita d-dritt ta' aċċess għan-neputi tagħha. Kwistjoni li għandha bħala suġġett tali talba taqa' taħt ir-Regolament (KE) Nru 2201/2003? [2] Din hija, fil-mertu, id-domanda li għamlet il-Qorti Suprema ta' Kassazzjoni, il-Bulgarija.

2. Din il-kawża toffri għaldaqstant lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità li tiddeċiedi, għall-ewwel darba, fuq l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 2201/2003 għal talba għad-dritt ta' aċċess tan-nanniet biex jiġi deċiż jekk il-qorti li għandha ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi fuq il-modi ta' eżerċizzju ta' tali dritt għandux ikun iddeterminat abbażi tal-imsemmi regolament jew abbażi tar-regoli ta' dritt internazzjonali privat tal-Istati Membri. Dan ir-regolament jirrikonoxxi l-ġurisdizzjoni tal-qrati tar-residenza abitwali tal-minuri billi huwa bbażat b'mod partikolari fuq il-kriterju tal-viċinanza. L-analiżi li ssegwi hija intiża għaldaqstant biex tistabbilixxi l-qorti li għandha l-ġurisdizzjoni fil-qasam tad-dritt ta'aċċess mingħajr ma tidħol f'kunsiderazzjonijiet ta' natura materjali.

3. Qabelxejn, għandu jiġi enfasizzat li din il-kawża ma tistax tiġi analizzata indipendentement minn kwistjoni fundamentali: dik tal-importanza għat-tifel li jkollu relazzjoni personali man-nanniet tiegħu, sakemm dawn il-kuntatti ma jkunux kontra l-interessi tiegħu. Għaldaqstant, huwa mill-aspett tal-prinċipju tas-supremazija tal-aħjar interessi tat-tifel li għandu jiġi interpretat hawnhekk ir-Regolament Nru 2201/2003 fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri.

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 Regolament tal-Kunsill, tas-27 ta' Novembru 2003, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilità tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol 6, p. 243).

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

1. Il-Karta

4. Skont l-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem: il-"Karta") intitolat "Ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja":

"Kull persuna għandha d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja tagħha, ta' darha u tal-kommunikazzjonijiet tagħha".

5. L-Artikolu 24(2) tal-Karta jindika li "[f]l-azzjonijiet kollha relatati mat-tfal, kemm jekk jittieħdu minn awtoritajiet pubbliċi jew minn istituzzjonijiet privati, l-aħjar interess tat-tfal għandu jkun kunsiderazzjoni primarja".

2. Ir-Regolament Nru 2201/2003

6. Mill-premessa 2 tar-Regolament Nru 2201/2003 jirriżulta li "[]l-Kunsill Ewropew ta' Tampere ndorsja [approva] l-prinċipju tar- rikonoxximent reċiproku ta' deċizjonijiet ġudizzjarji bħala bażi għall-ħolqien ta' żona ġuridika ġenwina, u identifika[]d-dritt taż- żjara [aċċess] bħala prijorità".

7. Skont il-premessa 5 ta' dan ir-regolament, "[s]abiex l-ugwaljanza għal[l-]minuri kollha tkun assigurata, dan ir-Regolament ikopri d-deċizjonijiet kollha dwar ir-responsabbilità ta' l-ġenituri, inkluzi l-miżuri ta' protezzjoni għall-minuri, indipendentement minn xi konnessjoni ma' xi proċedura matrimonjali".

8. Il-premessa 12 tal-imsemmi regolament tipprovdi li "r-raġunijiet ta' [ir-regoli dwar] l-ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet ta' responsabbilità ta' l-ġenituri stabbiliti fir-Regolament preżenti huma fformati fi ħdan [skont] l-aqwa interessi għall-minuri, u partikolarment dwar il-kriterju ta' l-qrubija [viċinanza]. Dan ifisser li l-ġurisdizzjoni għandha toqgħod [tkun] l-ewwelnett [tal-qrati t]al-Istat Membru tar-residenza abitwali tal-minuri, ħlief għal ċerti każijiet fejn hemm tibdil fir-residenza ta' l-minuri jew skond ftehim bejn dawk il-ġenituri li huma d-detenturi tar-responsabilità".

9. Għal dak li jikkonċerna l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 2201/2003, l-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament jipprovdi:

"Dan ir-Regolament għandu japplika, tkun xi tkun in-natura ta' l-qorti jew tribunal, fi kwistjonijiet ċivili dwar:

a) id-divorzju, is-separazzjoni legali jew l-annullament taż-żwieġ;

b) l-attribuzzjoni, l-ezerċizzju, id-delegazzjoni, ir-restrizzjoni jew it-terminazzjoni tar-responsabbilità ta' l-ġenituri.

2. Il-kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafu1(b) jistgħu, partikolarment, jittrattaw fi:

a) drittijiet ta' kustodja u drittijiet ta' aċċess;

[…]".

10. Fir-rigward tad-definizzjonijiet, l-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament jipprevedi fil-punti 1, 7, 8, 9 u 10 tiegħu:

"1) ll-kelma 'qorti' għandha tkopri l-awtoritajiet kollha fl-Istati Membri bil-ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet li jaqgħu taħt u li huma nkluzi fil-kompetenza ta' dan ir-Regolament skond l-Artikolu 1;

[…]

7) il-kliem 'responsabbilità ta' l-ġenituri' għandhom ifissru d-drittijiet u r-responsabbilitajiet kollha dwar il-persuna jew il-proprjetà ta' l-minuri li huma moghtija lil persuna jew persuna legali b'sentenza, bl-operazzjoni ta' l-liġi jew b'xi fteħim li għandu effetti legali. Il-kliem se jinkludu d-drittijiet ta' kustodja u d-drittijiet ta' l-aċċess;

8) il-kliem 'min għandu r-responsabilità ta' l-ġenituri' se tfisser kwalunkwe persuna li għandha r-responsabilità ta' l-ġenituri fuq il-minuri;

9) il-kliem 'drittijiet ta' kustodja' għandhom jinkludu drittijiet u responsabbilitajiet dwar il-kura ta' l-persuna ta' l-minuri, u partikolarment id-drittijiet li jiddeterminaw il-post ta' residenza ta' l-minuri;

10) il-kliem 'drittijiet ta' aċċess' għandhom jinkludu partikolarment id-dritt li tieħu l-minuri f'post 'l barra minn dak li huwa l-post residenzali proprju, għal perjodu ta' żmien limitat;".

11. Għal dik li hija ġurisdizzjoni ġenerali, l-Artikolu 8 tal-imsemmi regolament huwa fformulat kif ġej:

"1. Il-qrati ta' Stat Membru għandu jkollhom il-ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet ta' responsabbilità ta' l-ġenituri dwar minuri li huma abitwalment residenti f'dak l-Istat Membru fiż-żmien li l-qorti tkun ħadet il-pussess.

2. Il-Paragrafu 1 għandu jkun bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 9, 10 u 12".

B. Id-dritt Bulgaru

12. Għal dak li jikkonċerna d-dritt ta' aċċess tal-membri tal-familja, l-Artikolu 128 tas-Semeen kodets (il-Kodiċi tal-Familja) jipprovdi:

"1. In-nannu u n-nanna jistgħu jippreżentaw talba quddiem ir-Rayonen sad (il-Qorti Distrettwali, il-Bulgarija) tad-domiċilju attwali tat-tfal, biex tagħti provvedimenti li jikkonċernaw id-dritt ta' aċċess tagħhom, meta dan ikun fl-interess tat-tfal. It-tifel għandu l-istess dritt.

(2) Il-qorti għandha tapplika konsegwentement l-Artikolu 59(8) u (9).

(3) Jekk il-ġenitur li lilu l-qorti tkun tat id-dritt ta' aċċess ikun temporanjament inkapaċi li jeżerċitah minħabba assenza jew mard, dan id-dritt jista' jiġi eżerċitat min-nanna u n-nannu tat-tifel".

13. Iż-Zakon za litsata i semeystvoto (il-Liġi dwar il-persuni u l-familja) (DV Nru 182, tad-9 ta' Awwissu 1949, fil-verżjoni emendata li ġiet ippubblikata fid-DV Nru 120, tad-29 ta' Diċembru 2002) tipprevedi, fl-Artikolu 4 tagħha:

"Il-persuni ta' iktar minn 14-il sena u ta' inqas minn 18-il sena huma adoloxxenti minuri.

Dawn jistgħu jwettqu atti ġuridiċi bil-kunsens tal-ġenituri tagħhom jew tat-tuturi tagħhom, iżda jistgħu jwettqu huma stess tranżazzjonijiet żgħar biex jissodisfaw il-bżonnijiet tagħhom stess u jiddisponu minn dak li huma akkwistaw bix-xogħol tagħhom".

III. Il-fatti li wasslu għall-kawża prinċipali, id-domanda preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

14. Neli Valcheva hija omm Mariana Koleva u n-nanna ta' Christos Babanarakis, li twieled fit-8 ta' April 2002 miż-żwieġ ta' M. Koleva ma' Georgios Babanarakis. Dan iż-żwieġ ġie maħlul minn qorti Griega li fdat il-kustodja ta' Christos Babanarakis lil missieru. Il-qorti Griega stabbilixxiet il-modalitajiet għall-eżerċizzju tad-dritt ta' aċċess bejn l-omm u t-tifel, li jinkludu kuntatti permezz tal-internet u bit-telefon, kif ukoll laqgħat personali, fil-Greċja, għal ftit sigħat, darba fix-xahar.

15. Wara li sostniet li kien impossibbli għaliha li żżomm kuntatt ta' kwalità man-neputi tagħha u li hija kienet talbet is-sapport tal-awtoritajiet Griegi mingħajr suċċess, N. Valcheva talbet lir-Rayonen sad (il-Qorti Distrettwali), abbażi tal-Artikolu 128 tal-Kodiċi tal-Familja, biex tistabbilixxi l-modalitajiet għall-eżerċizzju tad-dritt ta' aċċess bejnha u n-neputi minuri tagħha. Hija talbet biex tkun awtorizzata tarah regolarment tmiem-il ġimgħa wieħed fix-xahar, kif ukoll iżżommu għandha ġimagħtejn jew tlieta matul il-vaganzi tiegħu, darbtejn fis-sena.

16. Ir-Rayonen sad (il-Qorti Distrettwali) ikkonkludiet li ma kellhiex ġurisdizzjoni biex teżamina t-talba ta' N. Valcheva. L-Okrazhen sad de Burgas (il-Qorti Reġjonali ta' Burgas, il-Bulgarija), ikkonfermat fl-appell ir-riżultat tad-deċiżjoni tal-ewwel istanza billi bbażat ruħha fuq ir-Regolament Nru 2201/2003. Hija ddeċidiet li dan ir-regolament kien japplika għal kawżi li jikkonċernaw id-dritt ta' aċċess għall-minuri minn ċirku familjari estiż li jinkludi lin-nanniet u li, skont l-Artikolu 8 ta' dan ir-regolament, il-ġurisdizzjoni tkun tal-qrati tal-Istat Membru li fih it-tifel kellu r-residenza abitwali fil-mument li huma jkunu ġew aditi, jiġifieri l-qrati Griegi.

17. N. Valcheva ppreżentat appell ta' kassazzjoni quddiem il-Varhoven kasatsionen sad (il-Qorti Suprema ta' Kassazzjoni). Din il-qorti tindika li ttendi li taqbel mal-pożizzjoni tal-qorti tal-appell, iżda żżid li huwa essenzjali għaliha li tkun taf jekk ir-Regolament Nru 2201/2003 japplikax għad-dritt ta' aċċess tan-nanniet sabiex tistabbilixxi l-qorti li għandha ġursdizzjoni.

18. Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Varhoven kasatsionen sad (il-Qorti Suprema ta' Kassazzjoni) iddeċidiet, permezz ta' sentenza tad-29 ta' Mejju 2017, li waslet fir-reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-6 ta' Ġunju 2017, li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Il-kunċett ta' 'drittijiet ta' aċċess' li jintuża fl-Artikolu 1(2)(a) u fil-punt 10 tal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 2201/2003 […] għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jikkonċernax biss l-aċċess bejn il-ġenituri u l-minuri iżda wkoll l-aċċess għal qraba oħra għajr il-ġenituri, b'mod partikolari għan-nanniet?"

19. It-talba għal deċiżjoni preliminari ġiet innotifikata lill-partijiet interessati fis-6 ta' Lulju 2017. Notifika oħra ta' din it-talba ntbagħtet lill-konvenuta fil-kawża prinċipali fil-15 ta' Settembru 2017. Il-partijiet ikkonċernati qablu, dwar il-preżentata tal-osservazzjonijiet bil-miktub, fuq terminu li jiskadi fit-18 ta' Settembru u fl-4 ta' Diċembru 2017. Il-qorti tar-rinviju u dawn il-partijiet ġew infurmati, waqt din in-notifika, bid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li tagħti prijorità lil din it-talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 53(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

20. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub mir-Repubblika Ċeka u mill-Kummissjoni Ewropea. Peress li ħadd mill-partijiet ikkonċernati ma talabha, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tiddeċiedi mingħajr ma żżomm seduta għas-sottomissjonijiet orali.

IV. Analiżi

21. Fis-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, N. Valcheva, ta' nazzjonalità Bulgara, hija n-nanna materna ta' tifel minuri li twieled fit-8 ta' April 2002[3]. Wara l-ħall taż-żwieġ tal-ġenituri tiegħu, il-minuri rrisjeda abitwalment fil-Greċja ma' missieru, ta' nazzjonalità Griega. In-nanna tiegħu tixtieq tikseb id-dritt għall-aċċess fir-rigward tan-neputi tagħha.

22. Madankollu, inkwantu, skont l-indikazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju, il-kustodja tat-tifel hija tal-missier, filwaqt li l-omm għandha biss dritt ta' aċċess, tqum il-kwistjoni dwar jekk in-nanniet li jixtiequ jkollhom relazzjoni personali man-neputi jistgħux jipprevalixxu mir-regoli dwar il-ġurisdizzjoni fir-Regolament Nru 2201/2003 biex jitolbu d-dritt ta' aċċess.

A. Kunsiderazzjonijiet ġenerali

23. Jidhirli utli, qabel ma nibda l-eżami tal-domanda preliminari, li jsiru ċertu numru ta' kunsiderazzjonijiet ġenerali li jippermettu li jiġi ddefinit il-kuntest li fih jidħol ir-Regolament Nru 2201/2003. Dawn il-kunsiderazzjonijiet jikkonċernaw l-effett tal-integrazzjoni Ewropea fuq il-kompetenzi tal-Unjoni fil-qasam tad-dritt internazzjonali privat, il-kuntest soċjoekonomiku ta' dan ir-regolament u s-supremazija tal-aħjar interess tal-minuri.

1. L-integrazzjoni Ewropea u d-dritt internazzjonali privat

24. Kważi 20 sena għaddew mill-pubblikazzjoni tar-rapport spjegattiv li jikkonċerna l-Konvenzjoni ta Brussell tat-28 ta' Mejju 1998[4]. Dan ir-rapport kien jenfasizza, ġustament, in-neċessità li jiġu ttrattati l-problemi li jqumu fid-dritt tal-familja mill-perspettiva tal-integrazzjoni Ewropea. Fil-fatt, fis-snin 90, il-kwistjoni tal-"komunitarizzazzjoni" tad-dritt privat kellha post tajjeb fil-programmi akkademiċi, fil-proġetti ta' riċerka u fil-konferenzi universitarji[5]. Il-korsijiet offruti fl-Académie de droit international de La Haye[6] kienu ffukati b'mod partikolari fuq ir-riżultati ta' dawn id-dibattiti u ta' din ir-riflessjoni li tikkonċerna l-effett tar-regoli "komunitarji" fuq id-dritt internazzjonali privat u l-konsegwenzi tal-integrazzjoni Ewropea fuq l-iżvilupp tal-istess.

25. Minn dan jirriżulta, b'mod partikolari, li l-evoluzzjoni tal-Unjoni u tal-għanijiet tagħha kellha effett reali fuq il-kompetenzi tagħha stess fil-qasam tad-dritt internazzjonali privat. Fil-fatt, ir-rwol tad-dritt internazzjonali privat Ewropew, li kien limitat ħafna għall-ewwel fid-dawl tal-għan inizjali tal-ħolqien ta' suq komuni, ibbenefika mill-introduzzjoni tat-tieni għan, jiġifieri ċ-ċittadinanza Ewropea, li ppermettiet lill-Unjoni li taqbeż il-limiti ta' sempliċi integrazzjoni ekonomika biex torjenta ruħha lejn

3 Il-qorti tar-rinviju tippreċiża li d-dritt Bulgaru jagħmel distinzjoni bejn il-"minuri" ta' inqas minn 14-il sena ("maloletni") u l-"minuri" bejn 14 u 18-il sena ("nepalnoletni", litteralment "mhux magġorenni", li jgawdu minn kapaċità ta' eżerċizzju tad-drittijiet limitata). Għandu jiġi ppreċiżat, f'dan ir-rigward, li r-Regolament Nru 2201/2003 japplika għall-"minuri" kollha mingħajr distinzjoni u li ebda limitu ta' età ma ġie stabbilit. Skont id-dottrina, "quddiem dan is-silenzju, u fl-assenza ta' definizzjoni Komunitarja awtonoma tal-kunċett "ta' minuri", wieħed għandu jirreferi għad-drittijiet nazzjonali biex jiġi stabbilit sa liema età wieħed ikollu quddiemu minuri", ara Corneloup, S., "Les règles de compétence relatives à la responsabilité parentale", *Le nouveau droit communautaire du divorce et de la responsabilité parentale*, Atti tas-simpożju organizzat fis-7 u fit-8 ta' April 2005 mis-Centre de droit de la famille de l'université Lyon III, Dalloz, 2005, p. 69 sa 84.

4 Att tal-Kunsill tat-28 ta' Mejju 1998 li jistabbilixxi, abbażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-konvenzjoni li tikkonċerna l-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet fil-qasam matrimonjali (ĠU 1998, C 221, p. 1, iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Brussell tal-1998"). Rapport spjegattiv dwar il-konvenzjoni stabbilita abbażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea li tikkonċerna l-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet fil-qasam matrimonjali magħmul minn Alegría Borrás, professur tad-dritt internazzjonali privat fl-università ta' Barcelona (ĠU 1998, C 221, p. 27, iktar 'il quddiem ir-"rapport Borrás").

5 Ara, b'mod partikolari, von Hoffman, B. (ed), *European Private International Law*, Nijmegen, 1998, p. 13 sa 37; Kohler, Ch. "Interrogations sur les sources du droit international privé après le Traité d'Amsterdam", *Revue critique de droit international privé*, 1999, Nru 1, p. 1.

6 Ara, b'mod partikolari, Struycken, A. V. M., "Les conséquences de l'intégration européenne sur le développement du droit international privé", *Recueil des cours*, vol 232, 1992, p. 256 sa 383; Fallon, M., "Les conflits de lois et de juridictions dans un espace économique intégré. L'expérience de la Communauté européenne", *Recueil des cours*, vol 253, 1995, p. 9 sa 290, u Borrás, A., "Le droit international privé communautaire: réalités, problèmes et perspectives d'avenir", *Recueil de cours*, Vol 317, 2005, p. 313 sa 516.

l-Ewropea taċ-ċittadini[7]. Iktar minn hekk, wara t-Trattat ta' Amsterdam, it-tielet għan ikkontribwixxa għall-avvanz tal-proġett Ewropew: il-kunsiderazzjoni ta' żona ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja li tiggarantixxi l-moviment liberu tal-persuni filwaqt li tinkwadra l-mobbiltà dejjem tikber taċ-ċittadini u billi tagħti kontenut lil din iċ-ċittadinanza Ewropea[8], b'mod partikolari, mad-dritt ta' aċċess għall-ġustizzja[9]. Fir-rigward ta' dan id-dritt, kruċjali għall-implementazzjoni ta' drittijiet proċedurali u fundamentali oħra, jidhirli evidentement essenzjali, sabiex il-proċess ta' integrazzjoni Ewropea jkollu ċerta realtà għaċ-ċittadini tal-Unjoni, li jkunu jistgħu jintlaħqu "riżultati rapidi u tanġibbli" fl-oqsma bħalma huma r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet[10].

26. Dan huwa l-kuntest li fih jidħlu, b'mod ġenerali, ir-regoli tad-dritt internazzjonali privat Ewropew u, b'mod iktar partikolari, ir-regoli li jikkonċernaw il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri tar-Regolament Nru 2201/2003.

2. L-evoluzzjoni tas-soċjetà u r-Regolament Nru 2201/2003

27. Nixtieq insemmi wkoll ir-riperkussjonijiet tat-trasformazzjonijiet li messew lis-soċjetà dawn l-aħħar deċenni fil-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri. Dan ser jippermetti li jiġi ddefinit aħjar il-kuntest tar-Regolament Nru 2201/2003 għall-iskopijiet tal-analizi tad-domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju

28. Fir-rigward, fl-ewwel lok, tat-trasformazzjonijiet tas-soċjetà fi ħdan l-Unjoni (u, b'mod ġenerali tas-soċjetà tal-Punent), għandu jiġi osservat, min-naħa, li t-tibdil ekonomiku marbut mal-mondjalizzazzjoni pprovoka tibdil profond fir-relazzjonijiet tax-xogħol, bil-konsegwenza, b'mod partikolari, tal-fenomenu tas-separazzjoni bejn il-lok tar-residenza abitwali u l-lok tax-xogħol. Li wieħed jirrisjedi fi Stat Membru u jaħdem fi Stat Membru ieħor sar normali għal parti miċ-ċittadini tal-Unjoni. Is-sitwazzjoni hija madankollu iktar kumplessa fil-każ ta' ċittadini li jirrisjedu fi Stat Membru u li huma kkollokati f'pajjiż terz għal kumpannija stabbilita fi Stat Membru ieħor. Dan it-tibdil jaffettwa wkoll b'mod sinjifikattiv il-ħajja familjari taċ-ċittadini tal-Unjoni.

29. Min-naħa l-oħra, fuq livell soċjokulturali, hemm trasformazzjonijiet daqstant profondi li jaffettwaw il-modi ta' ħajja taċ-ċittadini. Il-fenomenu tal-familji li l-membri tagħhom (ġenituri u tfal) għandhom nazzjonalità doppja jew nazzjonalitajiet differenti (ħaġa li hija marbuta mill-qrib mal-moviment liberu tal-persuni, u, b'mod iktar ġenerali, għall-mondjalizzazzjoni), id-diversità tat-tipi ta' unjoni u ta' ħajja komuni, barra miż-żwieġ, b'mod partikolari l-patt ċivili ta' solidarjetà (Pacs), il-forom ġodda ta' strutturi familjari, b'mod partikolari l-familji b'ġenitur wieħed, familja rikostitwita jew omoparentali, u l-forom ġodda ta' parentalità fir-rigward tal-ulied imwielda minn unjoni preċedenti, imwielda minn prokreazzjoni medikament assistita jew adottati, huma biss ftit eżempji. Id-diversifikazzjoni tal-istrutturi familjari hija għaldaqstant realtà tas-soċjetà kontemporanja. Ċerti minn dawn il-fenomeni ma humiex verament ġodda, imma, b'effett mis-snin 60, it-trasformazzjonijiet intensifikaw ruħhom u

7 Ara, f'dan is-sens, Borrás, A., *op. cit.*, p. 333 sa 369. Ara wkoll, ir-rapport Borrás, p. 28: "L-integrazzjoni Ewropea kienet, oriġinarjament, proċess essenzjalment ekonomiku u l-istrumenti legali implementati kienu intiżi għaldaqstant li jservu din it-tip ta' integrazzjoni. Madankollu, seħħ tibdil qawwi matul l-aħħar snin u, fil-preżent, l-integrazzjoni, barra mill-komponent ekonomiku tagħha, taffettwa progressivament u b'mod dejjem iktar qawwi l-ħajja taċ-ċittadini Ewropej".

8 Il-premessa 1 tar-Regolament Nru 2201/2003 tfakkar dan l-għan tal-Unjoni kif ġej: "il-Komunitajiet Ewropej iffissaw l-oġġettiv li joħolqu żona ta' libertà, siġurtà u ġustizzja, li fiha l-moviment liberu talpersuni huwa assigurat".

9 Fir-rigward tal-aċċess tat-tfal għall-ġustizzja, u b'mod partikolari d-dritt li jżommu kuntatt maż-żewġ ġenituri fil-kawżi transkonfinali, id-direttiva dwar l-aċċess għall-ġustizzja hija partikolarment importanti. Direttiva tal-Kunsill 2003/8/KE, tas-27 ta' Jannar 2003, biex ittejjeb l-aċċess għal ġustizzja f'tilwimiet bejn il-konfini billi tistabbilixxi regoli komuni minimi konnessi ma' għajnuna legali għal tilwimiet bħal dawn (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol 6, p. 90).

10 Ara, f'dan is-sens, Borrás, A., *op. cit.*, p. 369. Ara wkoll, Lagarde, P., "En guise de synthèse", *Quelle architecture pour un code européen de droit international privé*, Fallon, M., Lagarde, P., u Poillot-Peruzzetto, S. (dir.), Peter Lang, 2011, p. 365 sa 388, p. 366: "[m]ill-aspett tad-dritt internazzjonali privat, dan ifisser li l-kodiċi kkontemplat ma għandux jibqa' jkun limitat għal regoli li jiggarantixxu fil-qasam ekonomiku l-eżerċizzju tal-erba' libertajiet kbar tat-trattat fundatur. Huwa għandu jiżgura liċ-ċitaddin Ewropew, mhux biss il-moviment liberu fl-Unjoni għall-bżonnijiet tal-attività ekonomika tiegħu, imma wkoll, meta huwa jiċċaqlaq fl-Unjoni, ikun x'ikun il-motiv ta' dak iċ-ċaqliq, kull garanzija ta' sigurtà u ta' ġustizzja".

żviluppaw b'mod esponenzjali. Dawn it-tibdiliet ekonomiċi u soċjokulturali li l-effett multiplu tagħhom fuq il-ħajja taċ-ċittadini jinħass b'ritmu kostanti jimplikaw f'ċerti każijiet li jerġgħu jiġu kkunsidrati l-pedamenti li fuqhom huma bbażati s-sistemi legali u l-kontenut tar-regoli tagħhom u jinneċessitaw aġġustament tad-dritt, u b'mod partikolari tad-dritt tal-Unjoni (inkluż id-dritt internazzjonali privat Ewropew).

30. Fit-tieni lok, fir-rigward b'mod iktar preċiż tar-riperkussjonijiet tal-evoluzzjoni tas-soċjetà fuq ir-Regolament Nru 2201/2003, għandu jiġi kkonstatat li, għal dak li jikkonċerna l-kwistjonijiet li jirrigwardaw it-tfal, il-portata ta' dan ir-regolament ġiet konsiderevolment estiża meta mqabbla mal-Konvenzjoni ta' Brussell tal-1998 [11] u mar-Regolament Nru 1347/2000 [12]. Fil-fatt, filwaqt li r-Regolament Nru 1347/2000 kien jirrigwarda biss il-proċeduri ċivili li jirrigwardaw ir-responsabbiltà tal-ġenituri fir-rigward tal-ulied komuni tal-konjuġi fl-okkażjoni ta' proċeduri li jirrigwardaw il-ħall (divorzju jew annullament) tar-rabta matrimonjali jew għas-separazzjoni legali [13], ir-Regolament Nru 2201/2003 jestendi llum, indipendentement min-natura tal-qorti, għall-"kwistjonijiet kollha" li jirrigwardaw ir-responsabbiltà tal-ġenituri. Fil-fatt, bil-għan li jiggarantixxi l-ugwaljanza tat-"tfal kollha" mingħajr distinzjoni, dan tal-aħħar japplika għas-sitwazzjoni tat-tfal minn relazzjoni preċedenti u tat-tfal imnissla u mwielda barra miż-żwieġ, kemm jekk ir-responsabbiltà tal-ġenituri tiġi eżerċitata mill-ġenituri jew minn terz, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll il-familji rikomposti.

31. Madankollu, minkejja l-isforzi tal-leġiżlatur tal-Unjoni biex jaġġusta l-leġiżlazzjoni fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri għall-evoluzzjonijiet tas-soċjetà, dawn isegwu ritmu pjuttost iktar mgħaġġel mill-proċess ta' aġġustament leġiżlattiv u huwa evidenti li jibqa' ċerti "żoni vagi", li għalihom il-leġiżlazzjoni ma tagħtix risposta espliċita. Il-kawża prinċipali tikkostitwixxi eżempju ta' dawn iż-żoni vagi maħluqa minħabba l-evoluzzjonijiet tas-soċjetà fir-rigward b'mod partikolari tar-relazzjonijiet personali tat-tifel flimkien ma' persuni oħra li magħhom huwa marbut b'rabtiet "familjari" ta' dritt jew ta' fatt (bħalma huwa l-ex konjuġi ta' wieħed mill-ġenituri, l-aħwa tat-tifel, in-nanniet jew is-sieħeb/sieħba li għandu r-responsabbiltà ta' ġenitur). Dawn iż-żoni vagi jistgħu jqajmu inċertezzi, spiss paradossali, fir-rigward tal-eżistenza ta' dritt ta' aċċess tal-persuni li ma humiex il-ġenituri, f'dan il-każ in-nanniet.

32. Fir-rigward b'mod preċiż tan-nanniet, din l-inċertezza ma toħloqx konfużjoni jekk wieħed iqis li, fil-prinċipju u salv l-aqwa interess tat-tifel, ir-relazzjoni personali bejn in-nanniet u n-neputijiet tagħhom tibqa', b'mod partikolari f'soċjetà f'evoluzzjoni kostanti, sors essenzjali ta' stabbiltà għat-tfal u fattur importanti ta' rabta interġenerazzjonali li tikkontribwixxi bla ebda dubju għall-bini tal-identità proprja tagħhom?

11 Din il-konvenzjoni ma daħlet qatt fis-seħħ minħabba li ġiet issostitwita bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1347/2000, tad-29 ta' Mejju 2000, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi f'materji matrimonjali u f'materji ta' responsabbiltà tal-ġenituri għall-ulied taż-żewġ konjuġi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol 1, p. 209) wara l-"komunitarizzazzjoni" tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materja ċivili magħmula miċ-ċaqliq tal-kapitolu rilevanti tat-tielet pilastru l-antik lejn l-ewwel pilastru (it-tielet parti, Titolu IV tat-Trattat KE) flimkien mad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Amesterdam fl-1 ta' Mejju 1999.

12 B'effett mill-adozzjoni tar-Regolament Nru 1347/2000, il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu ġie kkunsidrat bħala li huwa limitat ħafna. Fuq l-aspetti pożittivi u negattivi ta' dan ir-regolament, ara, Borrás, A., "Le règlement nº 1347/2000 sur la compétence, la reconnaissance et l'exécution des décisions en matière matrimoniale et en matière de responsabilité parentale des enfants communs", *Petites affiches*, 2002, Nru 248, p. 12. Is-"suċċessjoni kaotika u armonizzata ta' testi fl-uniku qasam tas-separazzjoni u tar-responsabbiltà tal-ġenituri" ssib spjegazzjoni, b'mod partikolari, fl-eżistenza ta' diversità tat-tradizzjonijiet nazzjonali li huma iktar apparenti u iktar sensittivi minn dak tal-qasam patrimonjali, ara Ancel, B., u Muir Watt, H., "L'intérêt supérieur de l'enfant dans le concert des juridictions: le règlement Bruxelles II bis", *Revue critique de droit international privé*, 2005, Nru 94 (4), p. 569 sa 586.

13 Fi kliem ieħor, ir-Regolament Nru 1347/2000 ma japplikax għal tfal illeġittimi fil-kriżi u lanqas għall-protezzjoni tat-tfal tal-koppja barra minn kriżi matrimonjali. *Borrás, A.*,, p. 12. Fuq ir-Regolament Nru 1347/2000, ara, b'mod partikolari, Gaudemet-Tallon, H., "Le règlement nº 1347/2000 […]", *Journal de droit international*, 2001, p. 381.

3. Il-prinċipju tas-supremazija tal-aħjar interess tal-minuri

33. Jien ma nistax nagħlaq din il-parti ddedikata għall-kunsiderazzjonijiet ġenerali mingħajr ma nsemmi l-prinċipju l-iktar importanti tar-Regolament Nru 2201/2003: is-supremazija tal-aħjar interess tat-tifel.

34. Dan il-prinċipju huwa wieħed mill-prinċipji li jimmarka l-ordinament ġuridiku tal-Unjoni [14]. F'dan ir-rigward, mhux biss l-Istati Membri kollha rratifikaw il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet tat-tfal [15] imma l-Qorti tal-Ġustizzja, barra minn hekk, diġà kellha l-okkażjoni li tfakkar li din il-konvenzjoni torbot lil kull wieħed mill-Istati Membri u li dan it-test jinsab fost in-numru ta' strumenti internazzjonali li jirrigwardaw il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem li hija tieħu inkunsiderazzjoni fl-applikazzjoni tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni [16]. Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 3(3) TUE jipprovdi li l-"Unjoni għandha tistabbilixxi suq intern" imbagħad tistipula li l-Unjoni "tippromwovi l-ġustizzja […] is-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal" [17].

35. Fir-rigward tar-Regolament Nru 2201/2003, dan huwa bbażat fuq il-prinċipju tas-supremazija tal-aħjar interess tat-tifel u r-rispett tad-drittijiet tiegħu. Fil-fatt, il-premessa 33 tiegħu tipprovdi li dan ir-regolament jfittex b'mod partikolari li jiżgura r-rispett tad-drittijiet fundamentali tat-tifel kif stabbiliti fl-Artikolu 24 tal-Karta. Dan l-artikolu jirrikonoxxi t-tfal bħala detenturi ta' drittijiet, indipendenti u awtonomi, u jrendi l-aħjar interess tat-tfal kunsiderazzjoni primarja għall-awtoritajiet pubbliċi u għall-istituzzjonijiet privati [18]. F'dan ir-rigward, għandu jissemma wkoll l-Artikolu 7 tal-Karta dwar ir-rispett tal-ħajja privata u familjari.

36. Għal dak li jikkonċerna, b'mod iktar preċiż, ir-regoli dwar il-ġurisdizzjoni stabbiliti mir-Regolament Nru 2201/2003 fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri, dawn huma stabbiliti skont l-imsemmi prinċipju u, b'mod partikolari, skont il-kriterju tal-viċinanza. Għaldaqstant, huma l-qrati tal-post tar-residenza abitwali tat-tfal li huma fl-aħjar pożizzjoni li jirregolaw kull kwistjoni li tikkonċerna r-responsabbiltà tal-ġenituri u, konsegwentement, id-dritt għall-aċċess [19]. Barra minn hekk, fl-interess tat-tfal, ir-Regolament 2201/2003 jippermetti, permezz ta' eċċezzjoni u taħt ċerti kundizzjonijiet, li l-qorti li għandha l-ġurisdizzjoni tittrasferixxi l-każ għal qorti ta' Stat Membru ieħor jekk din il-qorti hija f'pożizzjoni aħjar biex tisma' l-każ [20].

14 Għal ħarsa ġenerali tal-acquis tal-Unjoni f'dak li jikkonċerna d-drittijiet tat-tfal, ara l-Kummissjoni Ewropea, DG Justice, *EU acquis and policy documents on the rights of the child*, Diċembru 2015, p. 1 sa 83. Ara, ukoll, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Szpunar fil-kawża Chavez-Vilchez *et* (C-133/15, EU:C:2016:659, punt 42).

15 Konvenzjoni konkluża fi New York fl-20 ta' Novembru 1989. L-Artikolu 3(1) jipprovdi li "fid-deċiżjonijiet kollha li jikkonċernaw it-tfal, kemm jekk jittieħdu minn istituzzjonijiet pubbliċi jew privati tal-protezzjoni soċjali, qrati, awtoritajiet amministrattivi jew korpi leġiżlattivi, il-kunsiderazzjoni primarja għandha tkun l-aħjar interess tat-tfal".

16 Ara s-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2006, Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-540/03, EU:C:2006:429, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

17 Il-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal hija wkoll aspett importanti mill-politika esterna tal-Unjoni. Ara l-Artikolu 3(5) TUE.

18 L-Artikolu 24 tal-Karta jsemmi tliet prinċipji fundamentali tad-drittijiet tat-tfal: id-dritt li jesprimu l-opinjoni liberament, skont l-età tagħhom u skont il-maturità tagħhom [Artikolu 24(1)], id-dritt li jaraw li l-aħjar interess tagħhom jikkostitwixxi kunsiderazzjoni primarja fl-atti kollha li jikkonċernawhom [Artikolu 24(2)] u d-dritt li jżommu regolarment relazzjonijiet personali u kuntatti diretti maż-żewġ ġenituri tagħhom, ħlief jekk dan ikun kontra l-interessi tagħhom [Artikolu 24(3)].

19 Ara premessa 12 u l-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 2201/2003.

20 Ara l-premessa 13 u l-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 2201/2003. Għandu jiġi rrilevat, ukoll, li tingħata attenzjoni partikolari minn dan ir-regolament lis-smigħ tat-tfal. Ara, f'dan ir-rigward, il-premessa 19, l-Artikolu 41(2)(ċ) u l-Artikolu 42(2)(a) tar-Regolament Nru 2201/2003.

37. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat is-supremazija tal-interess tal-minuri bħala l-priżma li minnha għandhom jinqraw id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni [21]. Fil-ġurisprudenza tagħha, hija tirreferi għall-interess tat-tfal li jsegwu l-ħajja familjari tagħhom, protett ukoll mid-dritt fundamentali għar-rispett tal-ħajja familjari ggarantit mill-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali [22].

38. Konsegwentement, ma hemmx dubju li l-prinċipju tas-supremazija tal-interess tat-tfal għandu jiggwida kull interpretazzjoni teleoloġika tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 2201/2003 li jikkonċernaw, kif inhu dan il-każ, talba għad-dritt għall-aċċess tan-nanniet. Jien ser nittratta dan iktar tard.

B. Id-domanda preliminari

39. Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-kunċett ta' "dritt ta' aċċess" imsemmi fl-Artikolu 1(2)(a) u fil-punt 10 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 2201/2003 għandux jiġi interpretat fis-sens li jestendi għad-dritt ta' aċċess tan-nanniet li jikkonċerna lin-neputijiet tagħhom.

40. Issa, għalkemm il-kunċett ta' "dritt ta' aċċess" jissemma espliċitament fl-Artikolu 1(2)(a) u fil-punt 10 tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2201/2003, dawn id-dispożizzjonijiet ma jippreċiżawx espressament jekk dan id-dritt ikoprix jew le d-dritt ta' aċċess ta' persuni oħrajn, barra mill-ġenituri.

41. Għaldaqstant, għall-iskopijiet tal-interpretazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet, jeħtieġ li jiġi kkunsidrat mhux biss il-formulazzjoni imma wkoll il-kuntest tagħhom u l-għanijiet imfittxija mir-Regolament Nru 2201/2003.

42. Għandu jiġi rrilevat mill-ewwel li, għal dak li jikkonċerna l-kunċett ta' responsabbiltà tal-ġenituri u l-għan tar-Regolament Nru 2201/2003, il-gvern Ċek u l-Kummissjoni ddefendew fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom, filwaqt li bbażaw b'mod partikolari fuq il-formulazzjoni ta' dan ir-regolament, il-fehma li l-imsemmi regolament japplika għad-dritt ta' aċċess tan-nanniet. Il-qorti tar-rinviju tidher li taqbel ma' din il-fehma fid-deċiżjoni ta' rinviju tagħha [23].

1. Il-kliem u l-istruttura tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 2201/2003

43. Fir-rigward tar-responsabbiltà tal-ġenituri, l-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 2201/2003 jippreċiża li dan japplika, indipendentement min-natura tal-qorti, fi kwistjonijiet dwar "l-attribuzzjoni, l-eżerċizzju, id-delegazzjoni, ir-restrizzjoni jew it-terminazzjoni tar-responsabbilità ta' l-ġenituri". Biex ikun jista' jiġi stabbilit b'mod adegwat il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 2201/2003 [24], kien importanti għal-leġiżlatur tal-Unjoni li jippreċiża l-kunċett tar-responsabbiltà tal-ġenituri. Dan il-kunċett ma kienx fil-fatt iddefinit la mill-Konvenzjoni ta' Brussell tal-1998 [25] u lanqas mir-Regolament Nru 1347/2000.

21 Fir-rigward tar-Regolament Nru 2201/2003, ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-11 ta' Lulju 2008, Rinau (C-195/08 PPU, EU:C:2008:406, punti 48 u 51), u tat-2 ta' April 2009, A (C-523/07, EU:C:2009:225, punti 61 u 64). Ara wkoll, it-teħid ta' pożizzjoni mill-Avukat Ġenerali Sharpston fil-kawża Rinau (C-195/08 PPU, EU:C:2008:377, punt 20). Ara wkoll is-sentenza tat-13 ta' Settembru 2016, Rendón Marín (C-165/14, EU:C:2016:675, punti 66, 81 u 85) u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Szpunar fil-kawżi Rendón Marín u CS (C-165/14 u C-304/14, EU:C:2016:75, punt 174).

22 Konvenzjoni Ewropea għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem: il-"KEDB").

23 Fil-fatt, il-qorti tar-rinviju tesponi, fil-punt 5.3 tad-deċiżjoni tar-rinviju, li "anki jekk din il-konklużjoni ma toħroġx direttament minn kliem ir-regolament […] hija tista' tkun dedotta mill-istruttura ġenerali, mill-kontenut u mill-għan tar-regolament".

24 Ara l-punt 30 ta' dawn il-konklużjonijiet.

25 Fir-rigward tal-kunċett ta' responsabbiltà tal-ġenituri fil-Konvenzjoni ta' Brussell tal-1998, ir-rapport Borrás kien jindika li dan il-kunċett "għandu jkun ippreċiżat mid-dritt intern tal-Istat Membri li fih tiġi eżaminata l-kwistjoni tar-responsabbiltà". Għaldaqstant, f'din il-konvenzjoni, id-drittijiet u l-obbligi tal-ġenituri kienu ddefiniti mid-dritt nazzjonali.

Il-leġiżlatur għażel, għaldaqstant, definizzjoni uniformi tal-kunċett ta' responsabbiltà tal-ġenituri [26]. Dan il-kunċett huwa ddefinit fil-punt 7 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 2201/2003 bħala "d-drittijiet u r-responsabbilitajiet kollha dwar il-persuna jew il-proprjetà ta' l-minuri li huma moghtija lil persuna jew persuna legali b'sentenza, bl-operazzjoni ta' l-liġi jew b'xi fteħim li għandu effetti legali". Konsegwentement, kemm il-persuni fiżiċi kif ukoll dawk ġuridiċi jistgħu jkollhom ir-responsabbiltà ta' ġenituri [27]. Iktar minn hekk, il-kunċett ta' responsabbiltà tal-ġenituri jinkludi "b'mod partikolari" id-dritt għall-kustodja u d-dritt ta' aċċess, ħaġa li tfisser li din tista' tinqasam f'dawn iż-żewġ elementi [28]. Minħabba dan il-fatt, fis-sens tar-Regolament Nru 2201/2003, kemm min għandu d-dritt ta' kustodja kif ukoll min għandu d-dritt ta' aċċess indikati mid-dritt nazzjonali jistgħu jkunu kklassifikati bħala li huma detenturi tar-responsabbiltà tal-ġenituri li tinkludi b'mod partikolari dawn iż-żewġ drittijiet [29].

44. Fir-rigward tad-dritt ta' aċċess, skont il-punt 10 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 2201/2003, dan huwa ddefinit bħala "partikolarment id-dritt li tieħu l-minuri f'post 'l barra minn dak li huwa l-post residenzali proprju, għal perjodu ta' żmien limitat". Din id-definizzjoni tindika biss parti waħda mill-kontenut tad-dritt ta' aċċess, mingħajr ma tagħmel riferiment għall-persuni li jistgħu jkollhom dan id-dritt [30].

45. Il-punt 8 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 2201/2003 jiddefinixxi min-naħa tiegħu min għandu r-responsabbiltà tal-ġenituri bħala "kwalunkwe persuna li għandha r-responsabilità ta' l-ġenituri fuq il-minuri" [31].

46. Jirriżulta fil-fehma tiegħi minn qari tal-punti 7, 8 u 10 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 2201/2003 li l-leġiżlatur tal-Unjoni uża volontarjament definizzjonijiet wiesgħa sabiex ikopri pluralità ta' każijiet. Din l-intenzjoni toħroġ mill-użu ta' formulazzjonijiet ġenerali bħalma hija "d-drittijiet u r-responsabbilitajiet kollha" jew "kwalunkwe persuna" kif ukoll mill-avverbju "partikolarment". B'mod partikolari, l-użu ta' dan l-avverbju fid-definizzjoni tal-kunċett ta' dritt ta' aċċess tal-punt 10 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 2201/2003 jixhed, fil-fehma tiegħi, ir-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jagħżel definizzjoni estiża ta' dan id-dritt.

26 B'kuntrast mal-Konvenzjoni ta' Brussell tal-1998, għall-applikazzjoni tar-Regolament Nru 2201/2003, kienet meħtieġa interpretazzjoni awtonoma tar-responsabbiltà tal-ġenituri, ħaġa li ġiet finalment ikkonfermata mid-definizzjoni ta' dan il-kunċett li dan ir-regolament jipprovdi fil-punt 7 tal-Artikolu 2. Ara, f'dan is-sens, Pintens, W., f'Magnus, U., u Mankowski, P. (ed.), *Brussels II bis Regulation*, European Commentaries on Private International Law, Sellier European Law Publishers, 2016, punt 59 tal-Artikolu 1, u punt 19 tal-Artikolu 2.

27 Differenti hija l-kwistjoni tal-għażla ta' min għandu r-responsabbiltà tal-ġenituri. Ir-Regolament Nru 2201/2003 ma jistabbilixxix liema persuna għandu jkollha r-responsabbiltà tal-ġenitur imma jirreferi għall-Istati Membri għal dak li jikkonċerna l-għażla ta' min għandu, b'mod partikolari, id-dritt ta' kustodja u d-dritt ta' aċċess. Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Ottubru 2010, McB. (C-400/10 PPU, EU:C:2010:582, punti 40 sa 43).

28 Id-dritt ta' kustodja huwa ddefinit fil-punt 9 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 2201/2003 bħala "d-drittijiet u responsabbilitajiet dwar il-kura ta' l-persuna ta' l-minuri, u partikolarment id-drittijiet li jiddeterminaw il-post ta' residenza ta' l-minuri". Fuq dan il-kunċett, ara s-sentenza tal-5 ta' Ottubru 2010, McB., (C-400/10 PPU, EU:C:2010:582, punti 40 sa 43).

29 Ara, f'dan ir-rigward, Francq, S., "La responsabilité parentale en droit international privé. Entrée en vigueur du règlement Bruxelles II bis et du Code de droit international privé", *Revue trimestrielle de droit familial*, 2005, Nru 3, p. 691 sa 711. Ara, wkoll, Pintens, W., *loc. cit.*, Artikolu 2, punt 23. Dawn l-awturi jikkunsidraw barra minn hekk li nannu li għandu dritt ta' aċċess li jikkonċerna lin-neputi tiegħu għandu wkoll ir-reponsabbiltà tal-ġenitur fis-sens tar-Regolament Nru 2201/2003. Madankollu, għandu jiġi nnutat li f'ċerti drittijiet nazzjonali huma biss il-ġenituri li għandhom ir-responsabbiltà tal-ġenituri filwaqt li t-terzi persuni għandhom biss drittijiet limitati, anki jekk ingħatalhom dritt ta' aċċess.

30 Fir-Regolament Nru 2201/2003, din id-definizzjoni hija biss limitata *ratione temporis* ("perijodu limitat"), u ebda limitazzjoni *ratione personae* ma tirriżulta minn din id-definizzjoni.

31 Din id-definizzjoni tippreċiża li persuni oħra barra mill-ġenituri jistgħu jkollhom ir-responsabbiltà tal-ġenituri. Dan it-terminu jinkludi mhux biss il-persuni li akkwistaw ir-responsabbiltà tal-ġenituri bħala konsegwenza tal-filjazzjoni, tat-tutela u tal-kurazija u l-istituzzjonijiet simili imma wkoll persuni li kisbu r-responsabbiltà tal-ġenituri bħala sieħba ta' ġenitur li għandu r-responsabbiltà tal-ġenituri. Ara Pintens, W., 2016, *loc. cit.*, punt 22 tal-Artikolu 2.

47. Konsegwentement, għalkemm il-kunċett ta' responsabbiltà tal-ġenituri, fid-dawl tal-punti 7 u 8 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 2201/2003, ikopri kull persuna fiżika jew ġuridika li għandha d-dritt ta' aċċess – fejn dan tal-aħħar huwa wkoll iddefinit b'mod wiesa' fil-punt 10 tal-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament – jidhirli li huwa ċar li kemm ir-responsabbiltà tal-ġenituri (bħala kunċett globali) kif ukoll id-dritt ta' aċċess (bħala element minn dan il-kunċett globali) jistgħu jappartjenu lil kull persuna fiżika jew ġuridika għall-iskopijiet ta' dan ir-regolament [32].

48. Ċertament, jirriżulta mid-definizzjoni tal-kunċett tar-responsabbiltà tal-ġenituri li tinsab fil-punt 7 tal-imsemmi artikolu li d-dritt ta' aċċess huwa biss element wieħed mir-responsabbiltà tal-ġenituri [33]. B'mod partikolari, f'sitwazzjoni bħalma hija dik tal-kawża prinċipali fejn ir-responsabbiltà tal-ġenituri hija, skont id-dritt nazzjonali, eżerċitata b'mod konġunt mill-ġenituri, huwa biss ġenitur wieħed (f'dan il-każ, il-missier) li għandu l-kustodja tat-tifel filwaqt li l-ġenitur l-ieħor (f'dan il-każ, l-omm) għandha normalment id-dritt ta' aċċess. F'dan il-kuntest, jekk terza persuna titlob dritt ta' aċċess, il-kwistjoni li tqum hija dik dwar jekk, għall-iskopijiet tad-determinazzjoni tal-ġurisdizzjoni, ir-Regolament Nru 2201/2003 ikoprix ukoll dritt ta' aċċess separat minn dak li jkun ingħata mid-dritt nazzjonali lil wieħed mill-ġenituri (f'dan il-każ, l-omm) u jekk, konsegwentement, l-eżerċizzju ta' dan id-dritt jistax ukoll jintalab minn terza persuna, bħalma huma n-nanniet.

49. Biex tingħata risposta lil din id-domanda, għandu jitfakkar li jirriżulta mill-kliem u mill-istruttura tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 2201/2003 li r-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni kienet li jkopri l-ikbar numru ta' modalitajiet li jippermettu lit-tifel li jżomm relazzjonijiet personali mhux biss mal-ġenituri tiegħu imma wkoll ma' membri oħra tal-familja jew qraba [34]. Fil-fehma tiegħi, ma hemm xejn fid-definizzjonijiet eżaminati u lanqas fil-kuntest tagħhom li jipprekludi fil-prinċipju li nanna tkun tista' tipprevalixxi ruħha mir-regoli ta' ġurisdizzjoni tar-regolament biex titlob dritt ta' aċċess.

50. Għandu jiġi vverifikat jekk din l-interpretazzjoni hija kkorroborata wkoll mill-għan tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 2201/2003.

2. L-interpretazzjoni teleoloġika tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 2201/2003

51. L-interpretazzjoni li tieħu inkunsiderazzjoni l-għan tar-Regolament Nru 2201/2003 tikkonferma, hija wkoll, l-applikazzjoni ta' dan ir-regolament għad-dritt ta' aċċess tan-nanniet.

52. Infakkar, qabelxejn, li wieħed mill-għanijiet tar-Regolament Nru 2201/2003 huwa dak li jiffavorixxi r-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji. Dan joħroġ mill-premessa 2 ta' dan ir-regolament li tenfasizza li dan ir-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji huwa "bażi għall-ħolqien ta' żona ġuridika ġenwina" [35]. Għal din ir-raġuni, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet mogħtija fi Stat Membru "għandu jiġi bbażat fuq il-prinċipju ta' fiduċja reċiproka u l-bażi għal nuqqas ta' rikonoxximent għandu jinżamm għall-minimu neċessarju" kif tipprovdi l-premessa 21 tar-Regolament Nru 2201/2003. Iktar minn hekk, jirriżulta mill-premessa 2 ta' dan ir-regolament li d-dritt ta' aċċess huwa prijorità għal-leġiżlatur tal-Unjoni.

32 F'dan ir-rigward, ara Pintens, W., *op. cit.*, p. 88: "Since the Brussels II bis Regulation has a broader scope –third persons can be holders of parental responsibility – there is no reason to exclude rights of access from the scope of the Regulation when the holder is a third person".

33 Ara l-punt 43 ta' dawn il-konklużjonijiet.

34 Bħal kif inhu l-każ b'mod partikolari tas-sieħeb/sieħba ta' ġenitur li għandu r-responsabbiltà tal-ġenituri. Fil-fatt, tifel jista' jkun stabbilixxa relazzjoni personali mill-qrib ħafna, u b'saħħitha u stabbli mas-sieħeb ta' ommu jew sieħba ta' missieru. Ara l-punt 45 ta' dawn il-konklużjonijiet u n-nota ta' qiegħ il-paġna 31.

35 Ara wkoll, il-premessa 23 tar-Regolament Nru 2201/2003; konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Tampere tal-15 u tas-16 ta' Ottubru 1999, punt 34, disponibbli fis-sit internet li ġej: http://www.europarl.europa.eu/summits/tam_fr.htm, u d-dokument tax-xogħol tal-Kummissjoni "Rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri", COM(2001) 166 finali, p. 3.

53. Fir-rigward, imbagħad, li tiggarantixxi l-ugwaljanza għall-minuri kollha, il-premessa 5 tar-Regolament Nru 2201/2003 tipprovdi li dan ir-regolament ikopri d-deċiżjonijiet kollha fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri, inklużi l-miżuri ta' protezzjoni għall-minuri, indipendentement minn xi konnessjoni ma' xi proċedura matrimonjali [36]. F'dan ir-rigward, kif jirriżulta mill-eżami tal-punti 7, 8 u 10 tal-Artikolu 2, ir-Regolament Nru 2201/2003 jadotta kunċett estiż ta' min għandu r-responsabbiltà tal-ġenituri li jinkludi mhux biss kull persuna fiżika li teżerċita r-responsabbiltà tal-ġenituri fir-rigward ta' tfal imma wkoll it-terzi persuni jew il-persuni ġuridiċi, bħalma huma l-awtoritajiet għall-protezzjoni tat-tfal.

54. Fl-aħħar nett, infakkar li kif jirriżulta mill-punti 35 sa 37 ta' dawn il-konklużjonijiet, ir-regoli li joħorġu mir-Regolament Nru 2201/2003 fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri, u b'mod partikolari r-regoli ta' ġurisdizzjoni, għandhom jinftehmu – u konsegwentement għandhom jiġu interpretati – skont mhux l-interess tal-applikant imma l-aħjar interess tat-tfal, u b'mod partikolari skont il-kriterju tal-viċinanza [37]. Għaldaqstant, l-interpretazzjoni teleoloġika tar-Regolament Nru 2201/2003 għandha ssir fid-dawl tas-supremazija tal-aħjar interess tat-tfal, bħala l-prinċipju prinċipali stabbilit kemm mill-premessi kif ukoll mid-dispożizzjonijiet tagħha [38].

55. Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal, x'konklużjonijiet nistgħu naslu għalihom mill-eżami tal-għanijiet tar-Regolament Nru 2201/2003?

56. Ir-risposta jidhirli li issa evidenti. Ċertament, ma jeżistux dispożizzjonijiet partikolari li japplikaw għas-sitwazzjoni, bħalma hija dik tal-kawża prinċipali, ta' nanna li titlob id-dritt ta' aċċess fir-rigward tan-neputi tagħha. Fil-fehma tiegħi ma hemmx lakuna legali. Fil-fatt, jirriżulta ċar mill-għanijiet tar-Regolament Nru 2201/2003 li xejn ma jiġġustifika li d-dritt ta' aċċess ikun eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament meta l-applikant għad-dritt ta' aċċess ikun persuna li ma hijiex il-ġenituri, li għandha rabtiet familjari fid-dritt jew fil-fatt mat-tifel, kif inhu l-każ hawnhekk. Barra minn hekk, l-għoti ta' dritt ta' aċċess lil persuna li ma hijiex waħda mill-ġenituri jista' jidħol fuq id-drittijiet u dmirijiet ta' dawn tal-aħħar (f'dan il-każ, għal dak li jikkonċerna d-dritt ta' kustodja tal-missier u d-dritt ta' aċċess tal-omm). Għaldaqstant, biex jiġu evitati miżuri kunflittwali u fl-aħjar interess tat-tifel jeħtieġ li l-istess qorti, dik tar-residenza abitwali tal-minuri, tiddeċiedi fuq id-drittijiet ta' aċċess [39].

57. Abbażi ta' dawn l-ideat, jien naqbel mal-argument tal-Kummissjoni li, jekk it-talbiet għad-dritt ta' aċċess ta' persuni li ma humiex ġenituri għandhom jiġu eskluži mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 2201/2003, il-kompetenza ġudizzjarja għal dawn it-talbiet tiġi ddeterminata b'regoli nazzjonali mhux armonizzati. Ir-riskju ta' espożizzjoni tat-tifel għal tilwima quddiem qorti li magħha ma għandux rabta mill-qrib u r-riskju ta' proċeduri paralleli kif ukoll ta' deċiżjonijiet inkonċiljabbli jiżdiedu, ħaġa li tmur kontra l-għan tar-Regolament Nru 2201/2003, li huwa intiż li jistabbilixxi regoli ta' ġurisdizzjoni uniformi li josservaw il-prinċipju ta' viċinanza fil-proċeduri ġudizzjarji.

36 Jekk ir-Regolament Nru 2201/2003 jestendi għad-deċiżjonijiet kollha fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri, huwa għandu jinkludi d-deċiżjonijiet kollha li jikkonċernaw id-dritt ta' aċċess mhux biss tal-ġenituri imma wkoll ta' terzi persuni, bħal "b'mod partikolari n-nanniet". Ara, f'dan is-sens, Pintens, W., *loc. cit.*, punt 70 tal-Artikolu 1.

37 Ara l-premessa 12 tar-Regolament Nru 2201/2003.

38 Ara l-punti 73 u 74 ta' dawn il-konklużjonijiet.

39 Dan japplika iktar u iktar li r-regoli ta' kunflitt ta' liġijiet li jistabbilixxu l-liġi applikabbli għall-kwistjonijiet tar-responsabbiltà tal-ġenituri ma humiex armonizzati. Għaldaqstant, għalkemm il-qrati ta' Stati Membri differenti jiddeċiedu fuq ir-responsabbiltà parentali ta' diversi persuni (il-ġenituri u n-nanniet), huma japplikaw ir-regoli ta' kunflitt ta' liġijiet nazzjonali. Issa, dawn ir-regoli jistgħu jkunu kkaratterizzati b'differenzi kbar. Id-deċiżjonijiet li jirrigwardaw ir-responsabbiltà parentali eżerċitata minn diversi persuni jingħataw għaldaqstant minn qrati differenti u skont liġijiet sostanzjalment differenti, anki jekk dawn id-deċiżjonijiet jikkonċernaw, essenzjalment, tifel wieħed. Min-naħa l-oħra, l-adozzjoni ta' approċċ wiesgħa tal-kunċetti li jistabbilixxu l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 2201/2003 jippermetti ċerta armonizzazzjoni tad-deċiżjonijiet, tal-inqas għal dak li jikkonċerna l-liġijiet applikabbli, u jevita kumplikazzjonijiet li jirriżultaw mill-assenza ta' regoli ta' kunflitt armonizzati.

58. Jirriżulta għaldaqstant mill-punti 43 sa 57 ta' dawn il-konklużjonijiet li l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 2201/2003 fis-sens li dan ir-regolament jirrigwarda t-talba għal dritt ta' aċċess minn-nannu/nanna, ma tmurx kontra l-għan imfittex mil-leġiżlatur tal-Unjoni fil-kuntest ta' dan ir-regolament.

59. Kif ser nispjega iktar 'il quddiem, din l-interpretazzjoni hija kkonfortata mill-istorja tar-Regolament Nru 2201/2003.

3. Il-qari storiku tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 2201/2003

60. Qabel ma nipproponi risposta għad-domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju, jidhirli xieraq li jiġi eżaminat mhux biss il-kuntest storiku tar-Regolament Nru 2201/2003 imma wkoll il-leġiżlazzjoni preċedenti għal dan ir-regolament.

a) Ix-xogħol preparatorju tar-Regolament Nru 2201/2003

61. Fir-rigward, fl-ewwel lok, tax-xogħol preparatorju, għandu jitfakkar, kif jirriżulta mill-punti 30 u 43 ta' dawn il-konklużjonijiet, li l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1347/2000, it-test li ppreċeda r-Regolament Nru 2201/2003, kien limitat, fir-rigward tar-responsabbiltà tal-ġenituri, għall-kwistjonijiet li jikkonċernaw lill-ġenituri biss. Din il-limitazzjoni kienet tapplika wkoll għall-proċeduri li jirrigwardaw id-dritt ta' aċċess (dritt ta' aċċess ta' wieħed mill-ġenituri).

62. Fis-sena 2000, fid-dawl tan-numru kbir ta' kunflitti familjari li jikkonċernaw l-impossibbiltà ta' wieħed mill-ġenituri li jeżegwixxi d-dritt ta' aċċess fi Stat Membru ieħor, ir-Repubblika Franċiża kienet ippreżentat inizjattiva bil-għan li jiġi adottat regolament tal-Kunsill dwar l-eżekuzzjoni reċiproka tad-deċiżjonijiet li jikkonċernaw id-dritt ta' aċċess tat-tfal[40]. Meta eżamina din l-inizjattiva, il-Kunsill tal-Unjoni kien ikkonkluda li din setgħet tiġi segwita biss b'mod parallel max-xogħol dwar l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1347/2000. Dan kien jiżgura l-ugwaljanza fit-trattament tat-tfal kollha, biex jieħu inkunsiderazzjoni r-realtajiet soċjali bħalma hija d-diversifikazzjoni tal-istrutturi familjari[41].

63. Fis-sena 2001, waqt fażi ta' żvilupp tal-proposta tal-Kummissjoni li tikkonċerna regolament li jirrigwarda r-responsabbiltà tal-ġenituri, din l-istituzzjoni ppubblikat dokument ta' xogħol li minnu kien jirriżulta, evidentement, li hija kienet intenzjonata tadotta tifsira tad-dritt ta' aċċess ħafna iktar wiesgħa minn dik tar-Regolament Nru 1347/2000[42]. F'dan id-dokument ta' xogħol, il-Kummissjoni indikat li "[f]ilwaqt li r-regolament [Nru 1347/2000] iħalli f'idejn id-dritt nazzjonali biex jirregola din il-kwistjoni, ġie propost li t-test ġdid imur iktar 'il bogħod għal dak li jikkonċerna l-eżerċizzju tad-dritt ta' aċċess, billi jeżiġi pereżempju li kull ex membru tal-familja tat-tifel, kif inhu l-ex sieħeb/sieħba ta' wieħed mill-ġenituri, ikollu dritt ta' aċċess jew dritt li jitlob li jgawdi minn dan id-dritt"[43]. Il-Kummissjoni ssostni wkoll fl-imsemmi dokument li ċerti Stati Membri jistgħu jistabbilixxu rekwiżiti sostantivi li jirrigwardaw l-għażla tal-benefiċjarji tad-dritt ta' aċċess bħala kundizzjonijiet li l-osservanza tagħhom tikkundizzjona r-rikonoxximent tad-deċiżjoni fl-Istati Membri l-oħra. Barra minn hekk, hija rrilevat fl-istess dokument li l-inklużjoni ta' tali rekwiżiti joħloq periklu reali li wieħed itendi lejn ir-reviżjoni fil-mertu tad-deċiżjonijiet mill-Istat Membru mitlub, għad-detriment tal-għan stess tar-rikonoxximent reċiproku. Il-Kummissjoni kienet għaldaqstant waslet għall-konklużjoni li l-estensjoni tal-mekkaniżmu ta' strument legali ġdid għad-deċiżjonijiet kollha fuq ir-responsabbiltà

40 ĠU 2000, C 234, p. 7. Ara wkoll il-premessa 4 tar-Regolament Nru 2201/2003. Din l-inizjattiva tikkonċerna biss l-eżerċizzju tad-dritt ta' aċċess minn wieħed mill-ġenituri.

41 Ara l-punt 29 ta' dawn il-konklużjonijiet u COM(2001) 166 finali, p. 1 u 2.

42 COM(2001) 166 finali, p. 1.

43 *Ibid*., p. 20.

tal-ġenituri "ikun x'ikun il-kontenut tagħhom, il-minuri kkonċernati jew il-persuni li jistgħu jeżerċitaw id-dritt ta' kustodja jew id-dritt ta' aċċess", tippermetti li jkun issodisfatt aħjar il-mandat tal-Kunsill dwar dan l-istrument ġdid u li tiġi implementata l-ewwel fażi tal-programm ta' miżuri fuq ir-rikonoxximent reċiproku li l-għan tiegħu kien li jitneħħa l-*exequatur*[44].

64. Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, il-Kummissjoni tenfasizza li d-dokument ta' xogħol jagħmel riferiment ukoll għall-abbozz ta' Konvenzjoni Ewropea fuq ir-relazzjonijiet personali li jikkonċernaw lit-tfal[45]. Hija tippreċiża li dan l-abbozz jirrikonoxxi d-dritt għat-tfal li jżommu relazzjonijiet personali mhux biss mal-ġenituri tagħhom imma wkoll ma' persuni oħra li għandhom rabtiet ta' familja magħhom, kif inhu l-każ tan-nanniet[46].

65. Fil-fehma tiegħi, jirriżulta ċar mill-punti 61 sa 63 ta' dawn il-konklużjonijiet li x-xogħol preparatorju li jirrigwarda r-Regolament Nru 2201/2003 jikkonferma r-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1347/2000, li kien limitat għall-kwistjonijiet li jirrigwardaw il-ġenituri. Din ir-rieda hija kkorroborata mill-fatt li dawn ix-xogħlijiet kienu jikkontemplaw b'mod ċar id-deċiżjonijiet kollha li jirrigwardaw ir-responsabbiltà tal-ġenituri u, konsegwentement, id-dritt ta' aċċess, indipendentement mill-persuni li jistgħu jeżerċitawh u mingħajr ma jkunu esklużi n-nanniet.

b) Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996

66. Għandu jiġi nnutat li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 2201/2003 li jikkonċernaw il-ġurisdizzjoni fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri għandhom ħafna mill-mudell tal-Konvenzjoni tal-Aja tad-19 ta' Ottubru 1996[47]. Ir-Regolament Nru 2201/2003 huwa ispirat mill-prinċipji ta' ġurisdizzjoni waħda[48], jiġifieri dik tal-awtoritajiet tal-Istat tar-residenza abitwali tat-tifel, stabbilita b'dik il-konvenzjoni[49].

67. L-Artikolu 3 tal-Konvenzjon tal-Aja tal-1996 jiddefinixxi l-miżuri li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Dawn il-miżuri jinkludu b'mod partikolari dawk li jirrigwardaw ir-responsabbiltà tal-ġenituri u dawk li jirrigwardaw id-dritt ta' aċċess[50]. Ir-Regolament Nru 2201/2003, fil-punt 7 tal-Artikolu 2 tiegħu, jirriproduċi essenzjalment id-definizzjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri li toħroġ

44 *Ibid*., p. 5 u 20. Ara, wkoll, il-Kunsill (Ġustizzja, Affarijiet Interni u Protezzjoni Ċivili) tat-30 ta' Novembru u l-1 ta' Diċembru 2000, p. 4 u 5, "Programm ta' miżuri fuq l-implementazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet f'materja ċivili u kummerċjali" (ĠU 2001, C 12, p. 1).

45 COM(2001) 166 finali, p. 15, nota ta' qiegħ il-paġna 33. Fuq din il-konvenzjoni, ara l-punt 72 ta' dawn il-konklużjonijiet.

46 Id-dokument ta' xogħol tal-Kummissjoni jsemmi wkoll id-definizzjoni tal-kunċett ta' "rabtiet tal-familja" tal-imsemmi abbozz ta' konvenzjoni. Ara COM(2001) 166 finali, p. 15, nota ta' qiegħ il-paġna 33.

47 Konvenzjoni dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent, l-infurzar u l-kooperazzjoni fir-rigward tar-responsabbiltà tal-ġenituri u l-miżuri għall-ħarsien tat-tfal (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni tal-Aja tal-1996"), disponibbli fis-sit internet li ġej: https://www.hcch.net/fr/instruments/conventions/full-text/?cid=70.

48 Skont l-Artikolu 8(2) tar-Regolament Nru 2201/2003, il-paragrafu 1 tiegħu japplika bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 9, 10 u 12.

49 Artikoli 8 *et seq*. Ara wkoll il-punti 6, 9 u 34 ta' dawn il-konklużjonijiet. Fuq in-neċessità li tingħata interpretazzjoni uniformi għall-kunċetti identiċi tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 u tar-Regolament Nru 2201/2003, ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawża A (C-523/07, EU:C:2009:39, punti 24 sa 26).

50 L-Artikolu 3(a) u (b) ta' din il-konvenzjoni jipprovdi li "[l]-miżuri previsti fl-ewwel artikolu jistgħu jirrigwardaw b'mod partikolari: l-attribuzzjoni, l-eżerċizzju u t-tneħħija totali jew parzjali tar-responsabbiltà tal-ġenituri, kif ukoll id-delegazzjoni ta' din; […] id-dritt ta' aċċess, li jinkludi d-dritt li l-minuri jittieħed għal perijodu limitat f'post differenti minn dak tar-residenza abitwali tiegħu".

mill-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 imma din id-definizzjoni [51], b'kuntrast mad-definizzjoni tal-kunċett ta' responsabbiltà tal-ġenituri tar-Regolament Nru 2201/2003, ma ssemmix espressament id-dritt ta' aċċess. Dan is-silenzju jippermetti fil-prinċipju li jiġi kkunsidrat, fil-kuntest ta' din il-konvenzjoni, li min għandu d-dritt ta' aċċess ma huwiex bilfors min għandu r-responsabbiltà tal-ġenituri [52].

68. Id-definizzjoni tad-dritt ta' aċċess li tinsab fil-punt 10 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 2201/2003 ġiet ifformulata, min-naħa tagħha, b'mod identiku għal dik li tinsab fil-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 [53]. Madankollu, ir-rapport Lagarde ma jgħid xejn fuq il-kwistjoni dwar jekk it-talbiet għad-dritt ta' aċċess imressqa minn persuni li ma humiex il-ġenituri, b'mod partikolari n-nanniet, jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996.

69. L-istruzzjonijiet ulterjuri adottati mill-Istati Membri tal-konferenza tal-Aja tad-dritt internazzjonali privat jindikaw madankollu li l-importanza, għat-tfal, li jżommu relazzjonijiet personali ma' persuni oħra li magħhom għandhom rabtiet ta' familja hija rrikonoxxuta ħafna u jippreċiżaw li "[l]a l-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 u lanqas il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 ma jillimitaw id-drittijiet ta' aċċess għal dawk eżistenti bejn ġenituri u ulied" [54].

70. Fid-dawl ta' dawn l-elementi kollha, u b'mod partikolari tas-supremazija tal-aħjar interess tal-minuri bħala prinċipju li jiggwida kull interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 2201/2003 fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri, jien konvint li dan ir-regolament japplika wkoll għal talba għad-dritt ta' aċċess tan-nanniet.

4. Strumenti internazzjonali oħra li jikkonċernaw ir-relazzjonijiet personali mat-tfal

71. L-interpretazzjoni wiesgħa tad-dritt ta' aċċess ma hijiex biss tar-Regolament Nru 2201/2003. Fil-fatt, strumenti internazzjonali oħra li jikkonċernaw ir-relazzjonijiet personali ma' tfal jadottaw kunċett wiesa' tad-dritt ta' aċċess.

72. F'dan ir-rigward, ninnota, fl-ewwel lok, li l-konvenzjoni fuq ir-relazzjonijiet personali li jikkonċernaw lill-minuri tipprovdi, fl-Artikolu 5(1) li "[b]'riżerva għall-aqwa interess tal-minuri, ir-relazzjonijiet personali jistgħu jinħolqu bejn il-minuri u persuni li ma humiex il-ġenituri li miegħu għandhom rabtiet ta' fmailja" [55]. Min-naħa tiegħu, l-Artikolu 2(d) ta' din il-konvenzjoni jiddefinixxi r-"rabtiet ta' familja" bħala "r-relazzjonijiet mill-qrib bħalma huma dawk eżistenti bejn minuri u n-nanniet tiegħu jew ħutu subien u bniet li jirriżultaw mid-dritt jew minn relazzjoni ta' familja *de facto*".

51 Skont l-Artikolu 1(2) ta' din il-konvenzjoni, "[…] l-espressjoni 'responsabbiltà tal-ġenituri' tinkludi l-awtorità tal-ġenituri jew kull rapport ta' awtorità simili ieħor li jiddetermina d-drittijiet, is-setgħat u l-obbligi tal-ġenituri, ta' tutur jew rappreżentant legali ieħor fir-rigward tal-persuna jew tal-oġġetti tal-minuri". Ara rapport spjegattiv ta' Paul Lagarde fuq il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996, disponibbli fis-sit internet segwenti: https://assets.hcch.net/upload/expl34.pdf.

52 Skont ir-rapport ta' Paul Lagarde, *loc. cit.*, p. 542: "Id-definizzjoni [tar-responsabbiltà tal-ġenituri] hija wiesgħa. […] Din ir-responsabbiltà hija eżerċitata b'mod partikolari mill-ġenituri, imma hija tista' tiġi eżerċitata in toto jew in parte minn terzi persuni, taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti mil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali, f'każ ta' mewt, inkapaċità, inkompetenza jew indinjità tal-ġenituri, jew f'każ ta' abbandun tal-minuri mill-ġenituri tiegħu".

53 Fuq ir-relazzjonijiet tar-Regolament Nru 2201/2003 mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996, ara l-Artikolu 61 ta' dan ir-regolament.

54 *Contacts transfrontières relatifs aux enfants. Principes généraux et Guide de bonnes pratiques*, Conférence de La Haye de droit international privé, Family Law, 2008, p. 5, u nota ta' qiegħ il-paġna 38. Barra minn hekk, għandu jiġi nnutat li wieħed isib riferimenti għad-dritt ta' aċċess tan-nanniet fl-eżempji 5B u 8A li jinsabu fil-*Manuel pratique sur le fonctionnement de la Convention de La Haye de 1996 sur la protection des enfants*, 2014, p. 64, 65 u 86, disponibbli fis-sit internet segwenti: https://www.hcch.net/fr/instruments/conventions/publications1/?dtid=3&cid=70.

55 Konvenzjoni fuq ir-relazzjonijiet personali li jikkonċernaw lill-minuri, Kunsill tal-Ewropa, Série des traités européens, Nru 192, Strasburgu, 15 ta' Mejju 2003,. Din il-konvenzjoni ġiet irratifikata biss, għal dak li jirrigwarda l-Istati Membri, mir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' Kroazja, ir-Repubblika ta' Malta u r-Rumanija. Madankollu, hija tibqa' importanti inkwantu tikkodifika prinċipalment il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (iktar "il quddiem il-"Qorti EDB") li tinterpreta d-dritt għar-rispett tal-ħajja familjari stabbilit fl-Artikolu 8 tal-KEDB, li hija obbligatorja fl-Istati Membri kollha.

73. F'dan ir-rigward, ir-rapport spjegattiv tal-imsemmija konvenzjoni jippreċiża, l-ewwel nett, li d-determinazzjoni tal-persuni, barra mill-ġenituri, li magħhom it-tifel jista' jżomm relazzjonijiet personali, sakemm dan ma jkunx kontra l-aħjar interess tiegħu, huwa ta' "importanza kbira"[56]. Huwa jenfasizza, sussegwentement, li f'ċerti Stati Membri, il-leġiżlazzjonijiet kellhom tendenza li jwessgħu ċ-ċirku ta' persuni li jingħatalhom jew li jistgħu jitolbu relazzjonijiet personali ma' tfal. Huwa jfakkar li, filwaqt li "dawn il-liġijiet jagħtu lin-nanniet id-dritt li jżommu relazzjonijiet personali mal-minuri, hemm oħrajn li jagħtuhom biss id-dritt li jitolbu li jkollhom dawn ir-relazzjonijiet personali"[57]. Fl-aħħar nett, dan ir-rapport jikkonstata li l-ġurisprudenza dwar il-KEDB irrikonoxxiet li l-protezzjoni tal-Artikolu 8 tal-KEDB testendi għaż-żamma ta' relazzjonijiet personali bejn in-nanniet u n-neputijiet tagħhom[58].

74. Għandu għaldaqstant jitfakkar, fit-tieni lok, li l-Artikolu 8 tal-KEDB jirrikonoxxi li "[k]ulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu". Kif ġie indikat fil-punt preċedenti, il-Qorti EDB iddeċidiet li "r-rabtiet bejn in-nanniet u n-neputijiet jaqgħu taħt ir-rabtiet familjari fis-sens tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni"[59]. B'mod partikolari, f'kawża li tikkonċerna s-sospensjoni tar-responsabbiltà parentali tal-ġenituri, din il-qorti ddeċidiet li "ma huwiex ikkontestat li l-kwistjonijiet li jirrigwardaw ir-relazzjonijiet bejn in-[nanna] u n-neputijiet tagħha huma koperti mill-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni". Dik il-qorti fakkret ukoll li "l-ħajja tal-familja fis-sens tal-Artikolu 8 tinkludi talinqas ir-relazzjonijiet bejn qraba, li jistgħu ikollhom rwol konsiderevoli, pereżempju bejn nanniet u neputijiet. Ir-rispett tal-ħajja tal-familja hekk estiża jimplika, għall-Istat, l-obbligu li jaġixxi b'mod li jippermetti l-iżvilupp normali ta' dawn ir-relazzjonijiet"[60].

75. Fil-fehma tiegħi, jirriżulta ċar mill-punti 43 sa 74 ta' dawn il-konklużjonijiet li l-analiżi testwali, teleoloġika, sistematika u storika tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 2201/2003 tikkorrobora l-idea li r-regola tal-ġurisdizzjoni fl-Artikolu 8 ta' dan ir-regolament tapplika wkoll għal talba għall-eżerċizzju ta' dritt ta' aċċess ta' persuni li ma humiex il-ġenituri, b'mod partikolari ta' membri oħra tal-familja fid-dritt u fil-fatt.

76. Għaldaqstant, nikkunsidra li għandha tingħata risposta għad-domanda preliminari li l-kunċett ta' "dritt ta' aċċess" imsemmi fl-Artikolu 1(2)(a) u fil-punt 10 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 2201/2003 għandu jiġi interpretat fis-sens li jestendi għad-dritt ta' aċċess tan-nanniet fil-konfront tan-neputijiet tagħhom.

C. Bħala epilogu

77. Kif għadni kif esponejt fil-punti preċedenti, jirriżulta mhux biss mill-kliem, mill-għanijiet u mill-istruttura imma wkoll mill-ġenesi tar-Regolament Nru 2201/2003 li dan ir-regolament jestendi għal talba li tikkonċerna d-dritt ta' aċċess tan-nanniet.

56 Rapport spjegattiv tal-Konvenzjoni fuq ir-relazzjonijiet personali li jikkonċernaw l-ulied, Conseil de l'Europe, Série de traités européens, Nru 192, Strasburgu, 15 ta' Mejju 2003, punti 9 u 34. Dan ir-rapport isemmi wkoll il-Konvenzjoni Ewropea fuq ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet fil-qasam tal-kustodja tat-tfal u r-ristabbiliment tal-kustodja tat-tfal, Kunsill tal-Ewropa, Lussemburgu, 20 ta' Mejju 1980, Série des traités européens, Nru 105, Lussemburgu, 20 ta' Mejju 1980 li tagħmel riferiment għall-"persuna" li tinvoka d-dritt ta' aċċess.

57 Rapport spjegattiv tal-Konvenzjoni fuq ir-relazzjonijiet personali dwar it-tfal, punti 9 u 47. Fuq il-leġiżlazzjoni pparagunata fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri, ara Granet, F., "L'exercice de l'autorité parentale dans les législations européennes", *La documentation française*, 2002.

58 Rapport spjegattiv tal-Konvenzjoni fuq ir-relazzjonijiet personali dwar it-tfal", *op cit*, punt 9.

59 F'kawża li tikkonċerna s-sospensjoni tad-dritt ta' aċċess tan-nanniet minħabba proċeduri kriminali kontra binhom, missier il-minuri, ara Qorti EDB, l-20 ta' Jannar 2015, Manuello u Nevi vs L-Italja, CE:ECHR:2015:0120JUD000010710 § 53, u l-ġurisprudenza ċċitata.

60 Qorti EDB, 13 ta' Lulju 2000, Scozzari u Giunta vs L-Italja,, CE:ECHR:2000:0713JUD003922198, § 221 kif ukoll Qorti EDB, 13 ta' Ġunju 1979, Marckx vs Il-Belġju, CE:ECHR:1979:0613JUD000683374, § 45.

78. Jirriżulta wkoll mill-analiżi tiegħi li r-Regolament Nru 2201/2003 ma jeskludix mill-kunċett ta' dritt ta' aċċess persuni oħra li ma humiex il-ġenituri iżda li għandhom rabtiet ta' familja fid-dritt jew fil-fatt mat-tfal (b'mod partikolari, aħwa bniet jew subien jew ex konjuġi jew ex sieħeb/sieħba ta' ġenitur). Fil-fatt, fid-dawl tat-tibdil kostanti fis-soċjetà tagħna u tal-eżistenza ta' forom ġodda ta' strutturi familjari, il-possibbiltajiet, fir-rigward ta' persuni kkonċernati mill-eżerċizzju tad-dritt ta' aċċess fis-sens tar-Regolament Nru 2201/2003, jistgħu jkunu numerużi[61]. Il-każ tal-ex sieħeb/sieħba tal-ġenitur li għandu r-responsabbiltà paternali u, għaldaqstant, tal-ġenituri ta' dan l-ex sieħeb/sieħba – ikkunsidrati mit-tifel bħala nanniet – jew ukoll il-każ ta' zija jew ziju inkarigat, fl-assenza temporanja ta' wieħed jew iż-żewġ ġenituri, li jieħdu ħsieb tat-tifel, huma biss ftit eżempji li għalihom il-Qorti tal-Ġustizzja tista' eventwalment tkun iffaċċjata bihom fil-kuntest tal-interpretazzjoni tal-imsemmi regolament[62].

79. Huwa minnu li r-Regolament Nru 2201/2003 jikkonċerna biss ir-regoli dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet fil-qasam, b'mod partikolari, tar-responsabbiltà tal-ġenituri. Konswegwentement, f'dan l-istadju tal-iżvilupp tad-dritt tal-Unjoni, il-kwistjoni dwar liema persuni ser jingħatalhom – jew ma jingħatalhomx – dritt ta' aċċess taqa' taħt id-dritt nazzjonali. Din hija r-raġuni għaliex huwa iktar importanti li jkun hemm regola dwar il-ġurisdizzjoni waħda u uniformi, jiġifieri dik tal-awtoritajiet tal-Istat Membru tar-residenza abitwali tat-tifel, sabiex jiġi żgurat ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet mogħtija fid-diversi Stati Membri.

V. Konklużjoni

80. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domandi magħmula mill-Varhoven kasatsionen sad (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni, il-Bulgarija):

Il-kunċett ta' "dritt ta' aċċess", ikkontemplat fl-Artikolu 1(2)(a) u fil-punt 10 tal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003, tas-27 ta' Novembru 2003, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilità tal-ġenituri u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 għandu jiġi interpretat fis-sens li jestendi għad-dritt ta' aċċess tan-nanniet fil-konfront tan-neputijiet tagħhom.

61 Ara l-punt 29 ta' dawn il-konklużjonijiet.

62 Ara l-punti 31, 32, 49, 64, 69 u 75 ta' dawn il-konklużjonijiet.